# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 477/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Carmelo Gauci**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carmelo Gauci, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 526783M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fl-21 ta' Marzu, 2014 għall-ħabta tat-14:50hrs waqt li kien qiegħed fl-inħawi tal-Majjistral Park waqt staġun magħluq għat-teħid tal-għasafar, kkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur u dan bi ksur tar-regolament 18 (1) (c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat-L.S.504.71

Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg 12 (1) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat , L.S. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha ; Reg 4 (1)(a) tal-L.S. 504.71;

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xi xbieki u dan bi ksur ta' regolament 7(1) (e) tal-L.S. 504.71;

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża jew żamm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa projbit taħt is-subregolament (1) ta' regolament 7 tal-L.S. 504.71 u dan bi ksur ta' regolament 7 (2) tal-L.S. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm xi għasfur, kemm ħaj, kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-għasafar Selvaġġi (A.L. 79 tal-2006), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u meta dak l-għasfur ma kienx ġie dikjarat u reġistrat mal-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u mingħajr ma kellu il-permessi jew ċertifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex iżomm dak l-għasfur u dan bi ksur tar-regolament 4 (1) (e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm xi għasfur , kemm ħaj, kemm mejjet jew parti min xi għasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-iskeda III, meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi stat membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed

jew jinqabad legalment taħt id-disposizzjonijiet tad-direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-istat membru l-ieħor u dak l-għasfur kien miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) tal-A.L.79 of 2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li tagħti l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-14 t'Ottubru, 2015 li biha sabet lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu għall-multa ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400) b'sospensjoni tal-liċenzja għal tlett (3) snin mid-data tas-sentenza u ordnat l-konfiska tal-esebiti;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Carmelo Gauci ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-26 t'Ottubru, 2015 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar** u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah skont il-liġi, **fin-nuqqas** fil-parti tal-piena tkun imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'diversi gravami bl-ewwel tnejn diretti lejn in-nullita' taghha minhabba allegata karenza fl-elementi ravvizati fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Minkejja dan, fis-sottomisjonijiet tieghu l-appellant donnu ma baqax jinsisti dwar dawn iz-zewg aggravji u rrimetta ruhu;

2. Issa, la darba dawn l-aggravji ma kienux rtirati, din il-Qorti xorta wahda jehtieg li tiddisponi minnhom f'din is-sentenza. Fl-ewwel aggravju, l-appellant jallega illi s-sentenza appellata hija nulla ghaliex ma tindikax l-artikoli tal-ligi li dwarhom kien misjub hati u dan kif mitlub fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. L-appellant mghandux ragun ghaliex l-ewwel Qorti indikat dawn l-artikoli. Fis-sottomisjoniet orali, l-appellant spjega illi r-raguni ghal dan il-gravam kien li hija l-prassi tal-ewwel Qorti li l-ewwel taghmel appunti ta' dak li jkun gara u s-sentenza tkun dattilografata jekk u wara li jkun intavolat l-appell. Il-*quid juris* sal-lum dejjem kien li s-sentenza li torbot lill-partijiet hija dik li joħroġ ir-reġistratur (Il-Pulizija v Eric Scicluna tat-13 ta' Lulju 2012.) u l-appellant ma nsistiex dwar dan u la darba s-sentenza mhix karenti kwantu ir-rekwizit *ad validitatem* ravvizat fl-artikolu 382 li l-Qorti ghandha tindika dawk l-artikoli li taghhom tkun instabet htija, dan l-aggravju qed ikun michud;

3. Fit-tieni aggravju, wkoll ta' natura preliminari, l-appellant jallega n-nullita' tas-sentenza, bazata fuq in-non osservanza ta' rekwizit iehor naxxenti mill-istess artikolu 382, dak li s-sentenza trid tinkorpora l-fatti tal-kaz. Anke hawn, almenu sal-lum, sentenza titqies li tkun in regola mal-artikolu 382 jekk il-Qorti tirriproduci c-citazzjoni jew l-avvizo di comparire li ghandu jghodd bhala l-fatti tal-kaz. (Ara: Il-Pulizija v Albert Caruana – Appell Kriminali 120/2015). Is-sentenza appellata tinkorpora

riproduzzjoni tac-citazzjoni u ghalhekk titqies konformi mal-artikolu 382. Ghal din ir-raguni dan l-aggravju qed ikun michud;

4. Fit-tielet aggravju l-appellant iressaq l-argument li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova. Meta xehdet Fiona Burrows qalet li kellha filmat tal-imputat qed jonsob u minkejja dan esebiet *screen shots* mill-allegat filmat. Ezaminati l-atti jemergi illi l-prosekuzzjoni esebiet CD li fih zewg filmati u ritratti. L-argument tal-appellant ghalhekk ma jregix u stante li l-aggravju li jmiss jitratta dwar il-konflitt fil-provi, kunsiderazzjonjiet in rigward ser jissoktaw fil-paragrafu sussegwenti;

5. Fir-raba' aggravju, l-appellant jallega illi l-prosekuzzjoni ressqet provi konflingenti u li ghalhekk kellu jkun liberat. Dan l-aggravju ser ikun trattat flimkien mal-hames wiehed li fih l-appellant jillanja li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni ta' kull difiza minnu sollevata. Dwar dan jehtieg li qabel xejn jkunu sintetizzati l-fatti u l-provi mressqa;

6. L-appellant tressaq quddiem l-ewwel Qorti wara li rapprezentata tal-CABS, Fiona Burrows, kienet innutat dak li ddeskriviet bhala persuna qed tonsob fl-inhawi tal-Majjistral Park fl-istagun maghluq. Wara li cemplet lill-Pulizija tal-Administrative Law Enforcement Unit, dawn gew fuq il-post u Burrows uriethom filmat li kienet hadet hi stess. Huma u mexjin lejn l-post indikat minn Burrows, ltaqghu mal-imputat gej mill-inhawi bi xkora li fiha kellu hames gabjetti bl-ghasafar go fihom. Dawk huma l-fatti li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni. Dak li hu kontestat hu li ma kienx l-imputat li kien qed jonsob;

7. L-ewwel Qorti kellha quddiemha zewg affidavit ta' zewg ufficcjali tal-Pulizija PC 572 u PS 1298. It-tnejn jaqblu illi wara

telefonata minghand Fiona Burrows accedew fuq il-post u din uriethom filmat ta' persuna li kienet qed tonsob kif ukoll fejn kien qieghed dan il-mansab. Huma u mexjin lejn dan is-sit iltaqghu ma ragel li kien tiela bil-mixi u kellu gabbjun fuq spalltu li fih kellu ghasafar tal-ghana. Dan ammetta maghhom li kien qed jonsob, talbuh imur maghhom fuq il-mansab li kien armat u l-imputat ammetta maghhom li qed juza l-ghasafar bhala "decoys" u ghalhekk intalab izarma il-mansab u kien nfurmat li ser jinfethu proceduri kontra tieghu;

8. Fiona Barrows xehedet quddiem din il-Qorti peress illi d-deposizzjoni taghha ma kienitx registrata quddiem l-ewwel Qorti. Qalet li fil-21 ta' Marzu 2014 hija u kollega tagħha kienu fuq l-irdum madwar hamsin metru boghod minn dak li tghid li kien 'trapping site for finches' u hadet filmat tas-sit. Kienet armata bil-binokoli u 'high powered camera with eighty times zoom'. Meta waslu l-ufficjali tal-ALE, uriethom is-sit minn fejn kienet osservatu hi minn fuq l-irdum u waqt li kienu mexjin lejn is-sit minn moghdija li taghti ghall-mansab lemhet lill-persuna li ghaliha kien l-istess wiehed li tieghu hadet il-filmat. L-Pulizija zammewh u geghluh izarma l-mansab. Meta niżlu aktar 'l isfel lemħet l-istess persuna li kienet rat qabel. L-Uffiċjali tal-ALE sabu lill-persuna u neħħew l-armar. Ix-xhud gharrfet ukoll lill-imputat fl-awla quddiem din il-Qorti bhala l-persuna li kienet qed tonsob, thejji x-xbieki w tispostja l-ghasafar. Il-voluntier li kien qed jakkumpanja lill-Burrows, baqa' fuq l-irdum sabiex jimmonitorja u jieħu l-video tal-movimenti tal-appellant waqt li hi marret tiltaqa' mal-Ufficcjali tal-ALE u li kienu l-Pulizija li nehhew ix-xbieki tal-mansab.

9. L-appellant xehed ukoll quddiem din il-Qorti ghall-istess raguni li d-deposizzjoni tieghu ma kienitx registrata. Qal illi i dak in-nhar kien mar fejn bidwi habib tieghu biex hadlu flixkun [kontenenti] bexx tas-sigar u li llum huwa mejjet. Hu ma

ghandu l-ebda ghalqa hemm u kien ha l-ghasafar mieghu biex joqghod jismaghhom jghannu . Kien ilu xi siegha jew tnejn hemmhekk u meta ddecideda jmur lura kien wasal hdejn il-karozza tieghu meta waqfuh zewg Pulizija u tahom id-dettalji tieghu wara li raw x'kellu fl-ixkora u hallewh jitlaq bl-istess vettura bl-ghasafar b'kollox. Qalulu li Ms Barrows kienet ratu jonsob iżda hu qalilhom li dan kien kollu żbaljat u li zgur ma kienx hu. Qal ukoll li l-Pulizija qatt ma geghluh izarma xi xbieki. Hemmhekk la ghandu mansab u lanqas jonsob hekk kif lanqas kien jonsob il-habib li mar itih il-flixkun tal-bexx;

10. L-imputat intwera r-ritratti esebiti u kkonferma li dak li hemm fir-ritratt huwa mansab izda cahad li hu dik il-persuna li tidher fir-ritratt. Cahad ukoll li qatt stqarr mal-Pulizija li kien qed jonsob.

11. Fl-ewwel lok, id-difiza ghandha ragun meta fis-sottomisjonijet talbet li tkun skartata kwalsiasi allegata dikjarazzjoni tal-imputat li z-zewg ufficcjali tal-Pulizija jghidu li ghamel quddiemhom la darba dan ma sarx skond dak li titlob il-ligi u dwar dan ma hemx ghalfejn li jsiru konsiderazzjonijijet aktar milli gia ezistenti fil-gurisprudenza in rigward. Dan jehtieg li jkun konsiderat ukoll fid-dawl tac-cahda tal-imputat dwar dak mnizzel fl-affidavit tal-Pulizija, igifieri li hu ma kienx qed jonsob, mghandux mansab jew eghlieqi hemmhekk u li qatt ma kien mitlub izarma xi mansab;

12. Isegwi ukoll li jkun puntwalizzat il-monitu wisq drabi maghmul illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberatorja. Tista ssir referenza ghal-diversi sentenzi tal-Qrati taghna fosthom u per ezemplari s-sentenzi Il-Pulizija vs Joseph Thorne App Krim 9.07.03 u Ir-Repubblika vs Dennis Pandolfina et - Qorti Krim 19.10.2006. Fil-kaz odjern hija Fiona Burrows biss minn tlett xhieda li

ddikjarat li gharrfet lill-imputat. Iz-zewg ufficcjal l-ohra ma xehedux viva voce u d-deposizzjoni taghhom kienet indispensabbli fi kwistjoni ta' identita'. Issa, apparti c-cahda kategorika mill-imputat, jehtieg li jkun osservat illi l-ewwel Qorti ma ezaminatx il-*video footage* esebit in atti u strahet fuq ir-ritratt esebit mill-prosekuzzjoni li frankament ma juri ebda partikolari car u distintiv li wiehed jista' jghid li hu l-imputat b'mod inkonfutabbli. Din il-Qorti izda, ezaminat il-filmat fejn jidher li hemm persuna b'somiljanza ghal dik tal-imputat, qed inehhi gabjetti li kienu pustjati madwar mansab. Issa, meta l-Pulizija nizlu fuq il-mansab ma semmew ebda persuna ohra li kienet qeghdha hemm kif qal l-imputat. L-istess imputat kellu kull opportunita' li jitlob ghall-kontro ezami ta' dawn l-ufficcjali sabiex iqajjem dak id-dubju ragjonevoli li ghalih jirreferi l-imputat;

13. In-narrattiva suggerita mill-imputat ma tippresta ebda kredenza tali li ggib fid-dubju l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet ir-raba u l-hames aggravju qed ikunu michuda;

15. Kwantu ghall-piena erogata, din hija fil-parametri tal-ligi, hija wahda komplessiva u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti in rigward.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u t-terminu ta' tlett (3) snin sospensjoni tal-licenzji tal-kacca tal-appellant jibda jiddekorri mil-lum.